MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2011

Numru 1282/2010

Il-Pulizija
(Spettur Jeffrey Cilia)

vs

Reuben Vella
Omissis

Il-Qorti,

Rat l-imputizzjonijiet kontra Reuben Vella ta’ karta tal identita  bin-numru 377378 (M)u 134788 (m) rispettivament, talli:

1. Nhar id-19 ta’ Ottubru 2010, f’xi hin bejn it-8.30am u is-1.30pm, f’Bormla, ikkommettew serq ta’ diversi dehebijiet u charger mill-fond  Block 2, Ent. A, Flat 10, Triq il-Pellegrinagg, Bormla liema serq  huwa kkwalifikat

bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jaccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro (€2329), u li sar ghad-detriment ta' Carmela Leone Ganado;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirostanzi, f'Malta, laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-mija u sittax il-ewro u sebgha u erbghin centenzmu (€116.47) izda anqas min elf mija u erbgha u sittin ewro (€1164);

Rat r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li perezz tieghu ai termini tal-artikolu tal-ligi hemm citati ittrazmetta l-atti tal-kumpilazzjoni li din il-Qorti sabiex tiggudika dwar il-htija tal-imputati jew altrimenti;

Semghet lill-imputat Ruben Vella jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa jinsisti anke wara li l-Qorti tahtu zmien jikkonsidra:

Akkoljiet it- talba tal-ufficjal prosekutur ghas-separazzjoni tal-gudizzju;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Dan il-gudizzju hu fil-konfront tal- imputat Ruben Vella wahdu li ghazel jammetti l-akkuzi u sostna fuq l-ammissjoni tieghu.

Din l-ammissjoni hi wahda volontarja u inkondizjonata;

L-imputazzjonijiet huma s-serq  kwalifikat bil-lok u valur u hsara volontarja. Dik rigwardanti r-ricettezzjoni hi alternattiva ghal dik tas-serq.

Fuq l-ammissjoni: rat l-Artikolu 261 (b) (c) (e), 263, 264, 269 (g), 278 (3), 279 (b), 325 (c) u 17. Rat il-fedina penali netta tieghu.

Tikkundannah sittax il-xahar habs sospizi ghal 4 snin bl-appilkazzjoni tal-Artikolu 28 (A) tal-Kap 9:

U l-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------